



Brussell, 18 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

10868/25

LIMITE

CORLX 680  
CFSP/PESC 1011  
RELEX 856  
MOG 75

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:                   REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-  
Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta'...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/267/oj>.

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012.
- (2) Abbażi ta' rieżami tal-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK<sup>2</sup>, jenħtieġ li l-entrata li tikkonċerna persuna waħda elenkata fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 titneħħa minn dak l-Anness. Jenħtieġ li jinżammu l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet l-oħra kollha fil-lista li tinsab fih, sakemm isimhom ma jkunx imsemmi fl-Anness VI għal dik id-Deċiżjoni, u jenħtieġ li jiġu aġġornati 45 entrata inklużi fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 267/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2010/413/oj>).

*Artikolu 1*

L-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

## ANNEX

L-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista li tinsab taħt is-subintestatura "A. Persuni":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
"8.	Ebrahim MAHMUDZADEH	Data tat-twelid: 2.4.1955 Funzjoni: Professur fl-Università Malek Ashtar; President tal-Bord tal-Iran Telecommunication Company Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Ebrahim Mahmudzadeh huwa professur fl-Università Malek Ashtar elenkata mill-UE, subordinat għad-Defense Technology and Science Research Centre (DTSRC) elenkat mill-UE, li jappoġġa l-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran b'servizzi ta' riċerka u żvilupp (R&Ż). Il-membri tal-fakultà tal-Università Malek Ashtar huma involuti fir-riċerka dwar il-missili u l-enerġija nukleari u b'hekk jipprovdu appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp lill-Gvern tal-Iran. Ebrahim Mahmudzadeh huwa wkoll il-President tal-Bord tal-Iran Telecommunication Company, li hija parzjalment ikkontrollata mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) elenkat mill-UE. Għalhekk, Ebrahim Mahmudzadeh jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	23.6.2008

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
27.	Kamran DANESHJOO (magħruf bħala DANESHJOU)	Funzjoni: Professur fl-Iran University of Science and Technology Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Professur fl-Iran University of Science and Technology. Eks Ministru għax-Xjenza, ir-Riċerka u t-Teknoloġija. Bħala manixer tal-proġetti tal-111-il taqsima tal-Pjan AMAD, huwa pprova appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran sensittivi għall-proliferazzjoni.	1.12.2011
29.	Milad JAFARI (Milad JAFERI)	Data tat-twelid: 20.9.1974 Post tat-twelid: Iran Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Shahid Hemmat Industries Group (SHIG); MACPAR Makina San Ve Tic; Multimat lc ve Dis Ticaret Pazarlama Limited Sirketi; STEP Standart Teknik Parca San ve TIC A.S.	Ċittadin Iranjan li jipprovdi prodotti, l-aktar metalli, lill-kumpaniji fittizji ta' Shahid Hemmat Industries Group (SHIG) elenkati mill-UE.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
32.	Majid KHANSARI	Data tat-twelid: 1972 Post tat-twelid: Khomeini Shahr, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Majid Khansari għandu rwol influwenti fil-programm nukleari tal-Iran. Huwa l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv tas-sit nukleari ta' Natanz, kif ukoll tal-manifattur taċ-ċentrifugi Kalaye Electric Company (KEC) elenkat mill-UE.  Bħala espert fil-qasam tal-ġestjoni nukleari, huwa jkompli jikkondividi l-opinjoni tiegħu dwar il-programm nukleari tal-Iran u jinfluwenza d-dibattitu nazzjonali dwar dak il-programm .  Għalhekk Majid Khansari huwa involut fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi tal-Iran.	1.12.2011
40.	Hamid SOLTANI	Funzjoni: Direttur Maniġerjali ta' Management Company for Nuclear Power Plant Construction (MASNA) Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Hamid Soltani huwa d-Direttur Maniġerjali tal-Management Company for Nuclear Power Plant Construction (MASNA).  F'din il-pożizzjoni, huwa kien involut fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li jgħolqu riskju ta' proliferazzjoni jew mal-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari mill-Iran.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
42.	Javad AL YASIN	Funzjoni: Kap tar-Research Centre for Explosion and Impact Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Kap tar-Research Centre for Explosion and Impact, magħruf ukoll bħala METFAZ.	1.12.2011
53.	Fereidoun ABASSI-DAVANI (دوانى عباسى فریدون) (magħruf ukoll bħala Fereydoon ABASSI-DAVANI; Fereidoun ABASSI-DAVANI; Fereydoon ABASSI-DAVANI; Fereidoun ABASSI-DAVANI; Fereidoun ABBASI-DAVANI)	Funzjoni: xjenzat nukleari superjuri Data tat-twelid: 11.7.1958 Post tat-twelid: Abadan, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Fereidoun Abassi-Davani huwa eks xjenzat superjuri tal-Ministeru tad-Difiża u għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL), eks Kap tal-Atomic Energy Organization of Iran (AEOI) u eks membru tal-Parlament tal-Iran. Huwa xjenzat nukleari superjuri, u huwa affiljat mal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Meta wieħed iqis ir-rwoli preċedenti ta' livell għoli tiegħu fil-gvern Iranjan u r-rwol tiegħu bħala membru tal-Parlament tal-Iran kif ukoll l-attivitajiet xjentifiċi tiegħu, Fereidoun Abassi-Davani qed jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran u kien involut direttament fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	17.10.2023 (UN: 24.3.2007)";

(2) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista li tinsab taħt is-subintestatura "B. Entitajiet":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elencar
"1.	Aerospace Industries Organisation, AIO	Indirizz 1: AIO, 28 Shian 5, Lavizan, Tehran, Iran Indirizz 2: Langare Street, Nobonyad Square, Tehran, Iran Entitajiet assoċjati: Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL)	Aerospace Industries Organisation (AIO) hija sussidjarja tal-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran elenkat mill-UE, responsabbli mis-sorveljanza tal-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran. Hija tissorvelja diversi sussidjarji inkarigati mill-produzzjoni jew l-akkwist ta' komponenti differenti tal-programm tal-missili ballistiċi. Għaldaqstant, l-Aerospace Industries Organisation (AIO) tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	23.4.2007

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
26.	Marine Industries (magħrufa wkoll bħala Marine Industries Organisation (MIO), Marine Industries Group (MIG))	<p>Indirizz: Pasdaran Ave., PO Box 19585/ 777, Tehran, Iran</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 1996</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Iran</p> <p>Entitajiet assoċjati: Defence Industries Organisation (DIO); Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL)</p>	<p>Marine Industries hija sussidjarja tad-Defense Industries Organisation (DIO) elenkata mill-UE, li hija sussidjarja tal-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFIL) elenkat mill-UE.</p> <p>Marine Industries hija involuta fid-dimensjoni marittima tal-programm tal-missili tal-Iran, inkluż billi tibni vapuri li jistgħu jgħorru u jillanċjaw missili offensivi.</p> <p>Għalhekk, Marine Industries hija entità involuta fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u entità li ttiprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.</p>	23.4.2007

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
32.	Parto Sanat Co (magħrufa wkoll bħala Parto Sanaat Co.; Parto Sanat Company; Partonsanat; Partosanat Co.; Partosanat PJSC; Yakan Parto; Bargh Va Electronic Partosanat)	Indirizz: No. 2417 Valiasr St., corner of 14th St., PO Box 15178 43316, Tehran, Iran	Manifattur ta' frequency changers u hija kapaċi tiżviluppa u timmodifika changers ta' frekwenza barranija importata b'tali mod li jkunu jistgħu jintużaw fl-arrikkiment taċ-ċentrifuga tal-gass. Hija meqjusa li hija involuta f'attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari.	26.7.2010
35.	Raka	Entità assoċjata: Kalaye Electric Company (KEC)	Dipartiment ta' Kalaye Electric Company, iddeżinjata mill-UE. Stabbilit lejn l-aħħar tal-2006, kien responsabbli għall-bini tal-Impjant tal-Arrikkiment tal-Uranju f'Fordow (Qom).	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
41.	Technology Cooperation Office (TCO) tal-Uffiċċju tal-President Iranjan (magħruf ukoll bħala Center for Innovation and Technology Cooperation (CITC); Presidential Center for Cooperation on Transformation and Progress)	Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran	<p>It-Technology Cooperation Office (TCO) tal-Uffiċċju tal-President Iranjan jopera fl-oqsma tar-riċerka, il-bijoteknoloġija, in-nanoteknoloġija, l-enerġija rinnovabbli u t-teknoloġija tal-informazzjoni.</p> <p>L-operazzjonijiet tiegħu jmorru lura għall-2001 meta kien inkarigat mill-ippjanar strateġiku u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' żvilupp tal-Iran għan-nanoteknoloġija. Huwa marbut ma' u ssorveljat mill-Uffiċċju tal-President. Jaġixxi bħala ċentru fil-qasam u jservi ta' koordinatur u faċilitatur tal-konnessjonijiet u l-kollaborazzjonijiet. Iżomm konnessjonijiet mal-komunità internazzjonali, networks bejn laboratorji tal-pajjiżi, jiffinanzja xjentisti Iranjani, u jinvolvi ruħu fit-tagħlim.</p> <p>Taħt il-psewdonimu tiegħu, Center for Innovation and Technology Cooperation (CITC), huwa wkoll parti minn sistema interdipartimentali li tikkonsisti mis-CITC, il-Ministeru għall-Infommazzjoni tal-Iran u l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) taħt il-kmand dirett tal-President Iranjan. L-individwi assoċjati mas-CITC, li jaġixxu bħala rappreżentanti uffiċjali Iranjani barra mill-pajjiż, wettqu wkoll funzjonijiet sigrieti ta' uffiċjali tal-intelligence xjentifika u teknika.</p> <p>Responsabbli għall-avvanz teknoloġiku tal-Iran permezz ta' akkwist barrani u rabtiet ta' taħriġ rilevanti. Huwa jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.</p>	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
42.	Yeganeh Energy Sazan Atrak Part (li qabel kienet magħrufa bħala Yasa Part) u s-sussidjarji li ġejjin:	<p>Indirizz: Ground Floor - Building 0 – Maharat 3 Alley - Maharat Street - Bidak Industrial Area - Badranlu Rural District - Central District - Bojnord City - Northern Khorasan Province, Iran Postal Code: 9418156318</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija b'ishma konġunti privata</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Bojnord - North Khorasan Province, Iran</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 5219</p>	Kumpanija li tittratta attivitajiet ta' akkwist pubbliku relatati max-xiri ta' materjali u teknoloġiji meħtieġa għall-programmi nukleari u ballistiċi.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
(a)	Arfa Paint Company (magħrufa wkoll bħala ARFA; Arfa Company)	Indirizz 1: Unit 5, 9th floor, Sarve Tower, Saadat Abad, Tehran, Iran  Indirizz 2: 16th km Karaj Special Road, Tehran, Iran	Taġixxi f'isem Yasa Part.	26.7.2010
(b)	Arfeh Company	Indirizz: West Lavasani, Tehran, Iran	Taġixxi f'isem Yasa Part.	26.7.2010
(d)	Hosseini Nejad Trading Co. (magħrufa wkoll bħala Hosseini Nejad Trading Company)		Taġixxi f'isem Yasa Part.	26.7.2010
(e)	Iran Saffron Company (magħrufa wkoll bħala Iransaffron Co.; Iran Saffron; Iran Saffron; Iran Saffron Co.)		Taġixxi f'isem Yasa Part.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
57.	Hirbod Co (magħrufa wkoll bħala HIRBOD Company)	<p>Indirizz 1: Hirbod Co – Flat 2, 3 Second Street, Asad Abadi Avenue, Tehran 14316, Iran</p> <p>Indirizz 2 (fabbrica): Tehran-Saveh Highway, km 80, Mamounieh Industrial Town, at the end of 8th Street, Asad Abadi Tehran, Iran</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 1995</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Tehran, Iran</p> <p>Entitajiet assoċjati: Kalaye Electric Company (KEC)</p>	<p>Hirbod Co hija waħda mill-kumpaniji ewlenin fil-qasam tal-prodotti tal-azzar inossidabbli. Tipprovdi prodotti tal-azzar inkluż fil-mezzi ta' sigurtà umilitari, lil ħafna entitajiet Iranjani, b'mod partikolari lil Arthesh, l-armata Iranjana.</p> <p>Għalhekk, Hirbod Co qed tappoġġa lill-Gvern tal-Iran u tipprovdi appoġġ għall-iżvilupp ta' armi nukleari u ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. mill-Iran.</p>	23.5.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
60.	Paya Parto (magħrufa wkoll bħala Paya Partov; National Centre for Laser Science and Technology)		Paya Parto hija entità li tirriċerka s-separazzjoni tal-isotopi stabbli, parametru ewlieni għall-produzzjoni ta' komponenti ta' ċentrifugi, bħala parti mill-programm nukleari tal-Iran. Għandha rabtiet mill-qrib mal-Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI), li tmexxi l-Programm nukleari tal-Iran u tissorvelja proġetti individwali. Paya Parto hija għalhekk responsabbli għall-fatt li ttipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	23.5.2011
62.	Taghtiran (magħrufa wkoll bħala Taghtiran Kashan Company)	Indirizz: Unit 2, No. 3, 2nd Alley, Asad Abadi St., Vali-e asr St., 14316 Tehran, Iran Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran Post prinċipali tan-negozju: Tehran, Iran Entitajiet assoċjati: Defence Industries Organisation (DIO)	Taghtiran timmanifattura partijiet tal-azzar inossidabbli u tal-azzar bil-karbonju għal diversi entitajiet, inkluż l-industriji tas-sigurtà utad-difiża, bħad-Defense Industries Organisation (DIO) u l-faċilitajiet nukleari (pereżempju, il-faċilità għall-konverżjoni tal-uranju).	23.5.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
71.	Institute of Applied Physics (IAP)	Entitajiet assoċjati: Organisation of Defensive Innovation and Research (SPND); Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL)	L-Institute of Applied Physics jipprovdi riċerka u żvilupp għall-programm nukleari tal-Iran. Għandu sħubijiet ta' proġetti mal-Organisation of Defensive Innovation and Research (SPND) elenkata mill-UE, li hija sussidjarja tal-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) elenkat mill-UE, filwaqt li jaħdem biex il-programm nukleari jintuża bħala arma, li huwa taħt l-awtorità tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati.  L-Institute of Applied Physics huwa għalhekk involut fil-programm nukleari tal-Iran u fl-attivitajiet tal-missili ballistiċi tal-Iran.	23.5.2011
77.	Shahid Beheshti University	Indirizz 1: Daneshju Blvd., Yaman St., Chamran Blvd., P.O. Box 19839-63113, Tehran, Iran  Indirizz 2: Shahid Shahriari Square, Evin, P.O. Box 19839-6311369411, Tehran, Iran	Shahid Beheshti University hija entità pubblika li taqa' taħt is-superviżjoni tal-Ministeru għax-Xjenza, ir-Riċerka u t-Teknoloġija. Twettaq riċerka xjentifika fir-rigward tal-iżvilupp ta' armamenti nukleari.	23.5.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
81.	Eyvaz Technic (magħrufa wkoll bħala Azarsam Instrument Company)	Indirizz 1: No 3, Building 3, Shahid Hamid Sadigh Alley, Shariati Street, Tehran, Iran  Indirizz 2: Tehran Province, Tehran, Kooy-e-Mehrzaad, Kooy-e-Mehrzaad,, M78Q+V2R, Iran  Entitajiet assoċjati: Kalaye Electric Company (KEC)	Produttur ta' tagħmir ta' vakwu li pprovda lis-siti ta' arrikkiment tal-uranju f'Natanza u Qom/Fordow. FI-2011, ġew ipprovduti trasdutturi ta' pressjoni lil Kalaye Electric Company (KEC), iddeżinjata mill-UE.	1.12.2011
83.	Ghani Sazi Uranium Company (magħrufa wkoll bħala Iran Uranium Enrichment Company; Sherkat-e Ghanisazi- ye Uranium	Indirizz: 3, Qarqavol Close, 20th Street, Tehran, Iran  Entitajiet assoċjati: Kalaye Electric Company (KEC); Iran Centrifuge Technology Company	Ghani Sazi Uranium Company għandha kuntratti ta' produzzjoni ma' Kalaye Electric Company (KEC), iddeżinjata mill-UE, u ma' Iran Centrifuge Technology Company, iddeżinjata mill-UE.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
86.	Karanir (magħrufa wkoll bħala Karanir Sanat, Moaser; Tajhiz Sanat; Karanir Sanat Co; Moshever Sanat Moaser; TSI; Tajis Sanat; Tajhis Sanat Industries)	Indirizz 1: 1139/1 Unit 104 Gol Building, Gol Alley, North Side of Sae, Vali Asr Avenue. PO Box 19395-6439, Tehran, Iran  Indirizz 2: Beheshti St., Sabonuchi St., Adae Alley, No. 2 ,Unit 301, Tehran, Iran	Karanit ilha involuta fix-xiri ta' tagħmir u ta' materjali, li għandhom applikazzjonijiet diretti fil-programm nukleari Iranjan.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
87.	Khala Afarin Pars (magħrufa wkoll bħala PISHRO KHALA AFARIN COMPANY; Vacuum Afarin, Pars Vacuum Company)	Indirizz 1: Unit 5, 2nd Floor, No 75, Mehran Afrand St, Sattarkhan St, Tehran. Indirizz 2: No. 94, 4th Floor, Unit 16, Bagherkhan St., Sattarkhan St., Tehran, Iran	Involuta fix-xiri ta' tagħmir u ta' materjali li għandhom applikazzjonijiet diretti fil-programm nukleari Iranjan.	1.12.2011
88.	MACPAR Makina San Ve Tic	Indirizz: Istasyon MH, Sehitler cad, Guldeniz Sit, Number 79/2, Tuzla 34930, Istanbul, Türkiye Individwu assoċjat: Milad Jafari	Kumpanija mmexxija minn Milad Jafari elenkat mill-UE li pprova prodotti, l-aktar metalli, lil Shahid Hemmat Industries Group (SHIG), iddeżinjata mill-UE, permezz ta' kumpaniji fittizji.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
89.	MATSA (Mohandesi Toseh Sokht Atomi Company  (magħrufa wkoll bħala Mohandesi Toseh Sanayeh Atomi (METSA))	Indirizz: 90, Fathi Shaghaghi Street, Tehran, Iran.  Numru tar-reġistrazzjoni: 2833278  Nru tal-ID nazzjonali: 10103191030  Individwi assoċjati: Mohammad Mohammadi (Direttur Maniġerjali)  Entitajiet assoċjati: Kalaye Electric Company (KEC)	MATSA (Mohandesi Toseh Sokht Atomi Company) hija kumpanija Iranjana mogħtija kuntratt ma' Kalaye Electric Company (KEC), iddeżinjata mill-UE, biex tipprovdi servizzi ta' diżinn u ta' inġinerja għaċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari. Kienet qiegħda takkwista tagħmir għas-sit ta' arrikkiment tal-urnaju ta' Natanz.	1.12.2011
90.	Mobin Sanjesh  (magħrufa wkoll bħala Fakoor International Tehran Engineering Company (FITCO))	Indirizz: Entry 3, No 11, 12th Street, Miremad Alley, Abbas Abad, Tehran, Iran	Mobin Sanjesh tipparteċipa direttament fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. Hija tipprovdi oġġetti u servizzi għal sistemi manjetiċi li għandhom applikazzjoni diretta fl-industrija taċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari tal-Iran, pereżempju l-kalibrazzjoni tal-ispettrometri tal-massa.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
91.	Multimat Iċ ve Dis Ticaret Pazarlama Limited Sirketi  (magħrufa wkoll bħala MultiMat IC VE DIS TIC. PAZ. LTD. STI.; MULTIMAT IC VE DIS TICARET PAZARLAMA LIMITED SIRKETI; MULTIMAT IMPORT AND EXPORT; MULTIMAT LTD.; MULTIMAT TEHRAN; MULTIMAT TRADING COMPANY)	Indirizz: Guvendik Mahallesi 132/1 Sokak, Izmir, Türkiye  Post tar-reġistrazzjoni: Izmir, Türkiye  Data tar-reġistrazzjoni: 30.12.1996  Individwu assoċjat: Milad Jafari  Entità assoċjata: Shahid Hemmat Industries Group (SHIG)	Kumpanija mmexxija minn Milad Jafari elenkat mill-UE li pprova prodotti, l-aktar metalli, lil Shahid Hemmat Industries Group (SHIG), iddeżinjata mill-UE, permezz ta' kumpaniji fittizji.	1.12.2011
94.	Saman Tose'e Asia (SATA)	Indirizz: 4th Unit, 51 Sane'e St., N.W. of Jahan Kudak, Africa Blvd., Tehran, Iran 19699-35145	Kumpanija tal-inġinerija involuta fl-appoġġ tal-firxa ta' proġetti industrijali fuq skala kbira inkluż il-programm ta' arrikkiment tal-uranju tal-Iran, inkluż ħidma mhux iddikjarata fis-sit ta' arrikkiment tal-uranju f'Qom/Fordow.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
97.	<p>STEP Standart Teknik Parca San ve TIC A.S.</p> <p>(magħrufa wkoll bħala SSTP, Step Standard Technical Components Industry and Trading Corporation, Step Corporation, Step Standart Teknik PARCA Sanayi Ve Ticaret A.S., Step AS, Step Company, Stap Standart Tek Par San Tic AS, Step Standart Teknyk, PARCA San. Ve Tyc. A.S., STEP Standart Teknik Parca San. ve Tic. A.S., Step Standart Teknik Parca Sanayi ve Ticaret Anonim Sirketi, Step A.S., Step S.A., Step Istanbul, Standart Teknik Parca San Ve Tic A.S., Standart Teknik Parca San. Ve Ticaret A.S., Standard Technical Component Industry and Trade Company, Step Standart Teknik Parca San Ve Tic As, Step Istanbul/Standart Teknik Parca San. Ve Tic. A.S.)</p>	<p>Indirizz: 79/2 Tuzla, 34940, Istanbul, Türkiye</p> <p>Individwu assoċjat: Milad Jafari</p> <p>Entità assoċjata: Shahid Hemmat Industries Group (SHIG)</p>	<p>Kumpanija mmexxija minn Milad Jafari, li pprovda prodotti, l-aktar metalli, lil Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG), iddeżinjata mill-UE, permezz ta' kumpaniji fittizji.</p>	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
101.	Tosse Silooha (magħrufa wkoll bħala Tosseh Jahad E Silo; Tosee Siloha)	Indirizz: NO.3. 50th st. , Kalantari sq., Seyed Jamaledin Asadabadi Ave. (Yousefabad), Tehran, Iran	Tossi Silooha hija kumpanija involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħlqu riskju ta' proliferazzjoni. Hija involuta fil-fabbrikazzjoni ta' komponenti għall-impjanti tal-enerġija nukleari bħall-impjanti tat-torrijiet tat-tkessiħ, u ċ-ċmieni industrijali. Il-kumpanija qed tappoġġa wkoll lill-Gvern tal-Iran.	1.12.2011
102.	Yarsanat (magħruf ukoll bħala Yar Sanat; Yarestan Vacuumi; Zist Yar Sanat; Yar Sanat Co)	Indirizz 1: No. 101, West Zardosht Street, 3rd Floor, 14157 Tehran, Iran Indirizz 2: No. 139 Hoveyzeh Street, 15337, Tehran, Iran Indirizz 3: 15, Fatemi Eshragi Alley, Gerda Afrid Building, science and Technology Park, Tarbiat Modares University, S.S 2 – Development Center, 4 <sup>th</sup> Floor, Tehran, Iran Post prinċipali tan-negozju: Iran Entitajiet assoċjati: Kalaye Electric Company (KEC)	Kumpanija ta' akkwist pubbliku għal Kalaye Electric Company (KEC), elenkata mill-UE. Involuta fix-xiri ta' tagħmir u ta' materjali li għandhom applikazzjoni diretta fil-programm nukleari Iranjan, pereżempju strumenti għall-arrikkiment tal-uranju.	1.12.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
106.	Tidewater (magħrufa wkoll bħala Tidewater Middle East Co; Tide Water Khavarmianeh )	Indirizz postali: No. 84, Vozara St., Tehran, Iran Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubblika Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran Numru tar-reġistrazzjoni: 12341 Post prinċipali tan-negozju: Tehran, Iran	Proprietà ta' jew ikkontrollata mill-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC).	23.1.2012

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
148.	Iran Composites Institute (magħruf ukoll bħala Composites Research Laboratory (CRL))	<p>Iran Composites Institute, Iranian University of Science and Technology, 16845-188, Tehran, Iran,</p> <p>Telefown: 98 217 3912858</p> <p>Fax: 98 217 7491206</p> <p>Indirizz elettroniku: <a href="mailto:ici@iust.ac.ir">mailto:ici@iust.ac.ir</a></p> <p>Sit web: <a href="http://www.irancomposites.org">http://www.irancomposites.org</a></p> <p>Entitajiet assoċjati: L-Università Malek Ashtar; Iran Centrifuge Technology Company (magħrufa wkoll bħala TSA jew TESA)</p>	<p>L-Iran Composites Institute huwa ċentru għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-materjali u l-istrutturi komposti.</p> <p>Ġie stabbilit f'kooperazzjoni mal-Iran University of Science and Technology (IUST) u jibqa' parti minnha. Permezz tar-riċerka tiegħu, IUST huwa involut fil-programm nukleari tal-Iran. Huwa marbut ma' diversi istituzzjonijiet akkademiċi Iranjani, inkluż l-Università Malek Ashtar elenkata mill-UE li hija marbuta mal-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) elenkat mill-UE.</p> <p>Fil-passat, Mill-2011, Iran Composites Institute kien ġie kkuntrattat biex jipprovdi skrejjien ta' ċentri fuq IR-2M lill-Iran Centrifuge Technology Company (TESA), elenkata mill-UE.</p> <p>Għalhekk, Iran Composites Institute qed jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran u lill-entitajiet li huma proprjetà tiegħu jew ikkontrollati minnu.</p>	22.12.2012

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
151.	Simatec Development Company		Simatec Development Company kienet qed tgħin lil entitajiet iddeżinjati biex jiksru d-dispożizzjonijiet tas-sanzjonijiet tan-NU u l-UE fuq l-Iran u qed tappoġġa direttament attivitajiet nukleari tal-Iran li jgħolqu riskju ta' proliferazzjoni.	22.12.2012
153.	Organizzazzjoni tal-Innovazzjoni u r-Riċerka Difensiva (SPND)	Indirizz: Negarestan 3, off of Pasdaran Street, Tehran, Iran Post prinċipali tan-negozju: Tehran, Iran Entitajiet assoċjati: Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL)	L-Organizzazzjoni tal-Innovazzjoni u r-Riċerka Difensiva (SPND) tappoġġa direttament l-attivitajiet nukleari tal-Iran sensitivi f'termini ta' proliferazzjoni. L-IAEA identifikat lil SPND bit-tħassib tagħhom dwar dimensjonijiet militari possibbli (PMD) tal-programm nukleari tal-Iran. SPND kienet immexxija minn Mohsen Fakhrizadeh-Mahabadi ddeżinjat min-NU, u hija parti mill-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) iddeżinjat mill-UE.	22.12.2012

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
161.	Sharif University of Technology	<p>L-aħħar indirizz magħruf: Azadi Ave/Street, PO Box 11365-11155, Tehran, Iran</p> <p>Tel. + 98 21 66 161</p> <p>Email: info@sharif.ir</p> <p>Entitajiet assoċjati: Aerospace Industries Organization (AIO); Korp tal-Gwardjani tar- Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)</p>	<p>Sharif University of Technology hija università bbażata f'Tehran u r-repożitorju ċentrali tal-Iran għar-riċerka nukleari.</p> <p>Fil-qasam tar-riċerka u l-produzzjoni tal-missili ballistiċi, tikkoopera mal-Aerospace Industries Organisation (AIO) elenkata mill-UE, li tissorvelja l-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran f'isem il-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL). Barra minn hekk, tikkoopera mal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u tappoġġah, fost attivitajiet oħra, fl-isforzi tiegħu ta' akkwist.</p> <p>Meħuda flimkien, dawn juru li hemm rekord sinifikanti ta' involviment mal-Gvern tal-Iran f'oqsma militari jew marbuta mas-settur militari li jikkostitwixxu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.</p>	8.11.2014";

- (3) l-entrata 25 (dwar Mohammad Reza ZAHEDI) fil-lista intitolata "II. Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)", taħt is-subintestatura "A. Persuni" hija mħassra;
- (4) taħt l-intestatura "II. Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iranjana (IRGC)", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-subintestatura "A. Persuni":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
"2.	Ali FADAVI	Data tat-twelid: 13.3.1961 Post tat-twelid: Ardestan, Iran Funzjoni: Viċi Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Grad: Viċi Ammirall Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Il-Viċi Ammirall Ali Fadavi huwa Viċi Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u kien temporanjament aġent Kmandant tal-IRGC. Huwa l-eks Kmandant tal-Flotta Navali tal-IRGC.	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
3.	Parviz FATAH	Data tat-twelid: 1961 Post tat-twelid: Anzal, West Azerbaijan Province, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Nru tal-passaport: 6379886494	Parviz Fatah huwa l-Kap tal-Execution of Imam Khomeini's Order (EIKO) u eks membru tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). EIKO hija konglomerat ekonomiku taħt is-superviżjoni diretta tal-Mexxej Suprem. Huwa stmat li EIKO, flimkien ma' żewġ organizzazzjonijiet oħra, jikkontrollaw aktar minn nofs l-ekonomija Iranjana. Għalhekk, Parviz Fatah qed jagħti appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	26.7.2010
5.	Ali HOSEYNITASH	Grad: Brigadier Ġeneral Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Il-Brigadier Ġeneral tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Ali Hoseynitash ilu l-Kap tad-Direttorat Strateġiku tal-Kunsill Suprem tas-Sigurtà Nazzjonali sa mill-ħatra tiegħu fl-2013. Il-Kunsill Suprem tas-Sigurtà Nazzjonali jsawwar u jikkoordina l-politiki ta' difiża u sigurtà tal-Iran, inkluż deċiżjonijiet ewlenin rigward il-programm nukleari tal-Iran. Għalhekk Ali Hoseynitash huwa involut fl-attivitajiet nukleari u tal-missili ballistiċi u jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran.	23.6.2008

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
7.	Mostafa Mohammad NAJJAR	Data tat-twelid: 2.12.1956 Post tat-twelid: Tehran, Iran Grad: Brigadier Ġeneral Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Il-Brigadier Ġeneral Mostafa Najjar ilu konsulent għoli tal-Kap tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati fuq l-Industrija tal-Għarfien u t-Teknoloġija minn Settembru 2013. Huwa l-eks Ministru għall-Intern (2009-2013) l-eks Ministru għall-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) (2005-2009), responsabbli għall-programmi militari kollha, inkluż il-programmi tal-missili ballistiċi. Membru tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC).	23.6.2008
9.	Mohammad PAKPUR	Data tat-twelid: 1961 Grad: Brigadier Ġeneral Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)	26.7.2010

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
11.	Hossein SALAMI (سلامى حسين) (magħruf ukoll bħala Hosein SALIMI; Hussain SALIMI; Hosain SALIMI; Husain SALIMI; Hossein SALIMI; Hossein SALEEMI; Hussain SALEEMI; Husain SALEEMI; Hosein SALEEMI)	Data tat-twelid: 1960 Post tat-twelid: Isfahan, Iran Funzjoni: Kap Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Grad: Maġġur Ġeneral Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Nru tal-passaport: D08531177	Kap Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC).	26.7.2010 (UN: 23.12.2006)

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
12.	Ali SHAMSHIRI	Funzjoni: Viċi Assistent u Konsulent tal-Mexxej Suprem Grad: Brigadier Ġeneral Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Il-Brigadier Ġenerali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Ali Shamschiri huwa Viċi Assistent u Konsulent tal-Mexxej Suprem fir-rwol tiegħu bħala Kap Kmandant. Barra minn hekk, kellu rwoli għolja fil-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL), bħala kap tal-Organizzazzjoni għall-Protezzjoni tal-Intelligence tal-MODAFL.	23.6.2008
13.	Ahmad VAHIDI	Data tat-twelid: 27.6.1958 Post tat-twelid: Shiraz, Iran Grad: Brigadier Ġeneral Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Il-Brigadier Ġeneral Ahmad Vahidi ilu membru prominenti tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) mill-1979. Inħatar viċi kap għall-intelligence fl-1981, kellu rwol fl-organizzazzjoni tal-Ministeru għall-Intelligence, sar l-ewwel kmandant tal-Forza Quds tal-IRGC fl-1988 u kien inkarigat mill-Unità tal-Intelligence tal-IRGC. Huwa waqqaf ukoll għadd ta' gwarniġġjoni tal-IRGC li huma responsabbli għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet terroristiċi. Fl-1997, ġie ttrasferit lejn il-Ministeru għad-Difiża. Huwa ġie nnominat bħala Ministru għad-Difiża fl-2009 u serva f'din il-kariga sal-2013. Għadu figura għolja fi ħdan l-IRGC.	23.6.2008”;

- (5) taħt l-intestatura "II. Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iranjana (IRGC)", l-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati korrispondenti fil-lista stabbilita taħt is-subintestatura "B. Entitajiet":

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“7.	Bonyad Taavon Sepah (magħrufa wkoll bħala IRGC Cooperative Foundation; Bonyad-e Ta'avon-Sepah; Sepah Cooperative Foundation)	Indirizz: Niayes Highway, Seoul Street, Tehran, Iran	<p>Bonyad Taavon Sepah, magħrufa wkoll bħala l-Fondazzjoni Kooperattiva tal-IRGC, ġiet iffurmata mill-Kmandanti tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) elenkat mill-UE biex tistruttura l-investimenti tal-IRGC u jipprovdi lill-persunal permanenti tal-IRGC b'self finanzjarju, ipoteki, self kummerċjali, kif ukoll b'art u materjali tal-kostruzzjoni.</p> <p>Hija kkontrollata mill-IRGC. Il-Bord ta' Trustees ta' Bonyad Taavon Sepah hu kompost minn disa' membri, li tmienja minnhom huma membri tal-IRGC. Dawn l-uffiċjali jinkludu l-Kap Kmandant tal-IRGC, li hu l-President tal-Bord ta' Trustees, ir-Rappreżentant tal-Mexxej Suprem għall-IRGC, il-Kmandant tal-Basij, il-Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-IRGC, il-Kmandant tal-Forzi tal-Ajru tal-IRGC, il-Kmandant tal-Forzi Navali tal-IRGC u l-Kap tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà tal-Informazzjoni tal-IRGC, uffiċjal anzjan tal-IRGC mill-Forzi Armati, u uffiċjal għoli tal-IRGC mill-Ministeru tad-Difiża għal-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL).</p>	23.5.2011

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
11.	Behnam Sahriyari Trading Company	Indirizz postali: Ziba Building, 10th Floor, Northern Sohrevardi Street, Tehran, Iran	Behnam Sahriyari Trading Company hija proprjetà ta' Behnam Sahriyari, li jmexxi l-Unità 190 tal-Forza Quds tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), li twettaq operazzjonijiet ta' kuntrabandu tal-armi. Juża l-kumpanija tiegħu bħala faċċata għat-trasferimenti tal-armi tal-IRGC. Għalhekk, Behnam Sahriyari Trading Company hija involuta fit-trażbord ta' armi fisem l-IRGC.	23.1.2012”.